MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Numru 940/2002

Il-Pulizija
(Spettur Domnic Micallef)

vs

Joseph Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 848952(m), akkuzat, talli:
1. fis-26 t’April 2002, f’Hal Luqa u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, bhala ufficjal jew impjegat f’amministrazzjoni pubblika jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu jew akkont tal-Gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix jew izjed minn dak li tippermetti

l-ligi jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, liema esazzjoni saret b'theddid jew b'abbuz ta' awtorita';
2. fl-istess zminijiet u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellux dritt, dan meta l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta, kien sabiex jaghmel dak li hu fi dmir tieghu li jaghmel.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu bghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti a bazi tal-artikoli tal-ligi minnhu citati f'kaz ta' nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-imputat;

Semghet l-imputat jistqarr li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Skond r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat li qua ufficjal pubbliku esiga flus kontra l-ligi li jittraxxendi f'estorsjoni stante theddid jew abbuz ta' awtorita' u akkuzat wkoll bid-delitt ta' korruzzjoni.

Il-fatti li jaghtu lok ghal din il-kawza jirrisalu ghas-sena 2002 meta l-imputat qua kuntistabbli fil-korp tal-Pulizija waqqaf karozza li kienet qeghdha tirrmorka daghajsa li l-wiesgha taghha kien aktar mill-wiesgha tal-karozza u fil-waqt li eskortha sad-destinazzjoni taghha f'Burmarrad thallas hames liri maltin ekwivalenti ghal hdax il-euro u erba u sittin centezmu.

Issa, l-provi juru li fil-gurnata in kwistjoni li kienet tahbat il-gurnata tal-gimgha s-sitta u ghoxrin t'April 2002 bhala fatt l-imputat skorta l-vettura rimorkjanti d-daghjsa minn Hal-Luqa ghall-Burmarrad. Jirrizulta wkoll bhala fatt li meta l-imputat waqqaf tali vettura din ma kinitx eskortata kif kellha tkun malgrad li d-daghjsa kienet uza mill-vettura. Jinsab ukoll pruvat li l-imputat kien dak iz-zmien uffical tal-pulizija fi grad ta' kuntistabbli mas-sezzjoni tat-traffiku. Sa hawn il-fatti huma skjetti. M'hu lanqas kontestat li mal-wasla fid-destinazzjoni l-imputat thallas hames liri maltin.

Illi l-imputat u akkuzat bid-delitt ta' korruzzjoni taht l-Artikolu 115 tal-Kap 9. B'dan l-artikolu hu hati ta' korruzzjoni kull ufficjal pubbliku, kif indubitament hu l-imputat, li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta simili li ma jkollux jedd ghaliha kemm jekk dan jaghmlu biex jaghmel dmiru, kemm biex ma jaghmilx dmiru u kemm filli ikun naqas li jghamel dmiru. Mill provi huwa car daqs il-kristall li l-ebda istanza minn dawn imsemmija m'hi attinenti ghall-imputat. Huwa mill-aktar skjett il-fatt li l-mputat kellhu mhux biss d-dmir anzi l-obbligu li jwaqqaf lill-persuna rimorkjanti d-daghjsa, jispjegalu l-obbligi li dan ta' l-ahhar kellhu u wara li l-imputat jaccerta li l-obbligi legali jigu osservati jithallas il-mizata skond il-ligi. Dan effettivament l-imputat ghamlu. Jekk forsi jippermani xi dubbju u fl-entita' tal-hlas li possibilment kellhu jkun fl-ammont ta' Lm3.45 minflokk Lm5 minhabba fid-durata tas-servizz. Dan, però, minn imkien ma tirrizulta. Hemm madanakollu l-fatt pruvat li l-imputat ghadda l-mizata lill-ufficju kkoncernat, kif hekk kellhu jaghmel, u hallas dak li kien irceva u dan ghamlu mal-ewwel opportunita' li kellhu.
Dwar il-bqija: l-estorsjoni ma tistax tirrizulta billi minn imkien ma ntwera, anzi l-oppost, li kien hemm, anki minimament, theddid jew abbuz ta' awtorita' minn naha tal-imputat; u dwar l-esazzjoni illegali tal-flus, eskluza l-illegalita', il-fatt li ma jistax 'a priori' fin-nuqqas ta' prova certa kemm kienet id-durata tas-servizz abbinat mal-fatt li l-imputat ghadda l-ammont lill-ufficju ikkoncernat li allura kien fuqu l-obbligu li jikkordina s-servizz moghti, igieghel l-

Qorti tiddikjara l-imputat mhux hati tal-akkuzi kontrih migjuba.

Il-Qorti, ghaldaqstant, issib l-imputat mhux hati. Tilliberah minn kull piena u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------